## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **410/2023**

## CITADEL INSURANCE PLC (C-21550)

**VS**

## 1. MARVIN BUGEJA (KI 513877M)
## 2. FISH & FISH LTD (C-14268)

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-ewwel erba' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati fir-risposta tagħhom;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B’rikors ġuramentat datat dsatax (19) t’April 2023, is-soċjeta’ rikorrenti ppremettiet illi b’sentenza mogħtija nhar id-disgħa (9) ta’ Lulju 2021 fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja* minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, is-soċjeta’ rikorrenti kienet ġiet imġiegħla tagħmel tajjeb għal danni mġarrba mill-vettura CBN-504 fl-ammont ta’ erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€84,671.48), f’inċident stradali illi seħħ nhar it-tmienja (8) ta’ Mejju 2012 bejn vettura pparkjata bin-numru ta’ reġistrazzjoni SSR-11 proprjeta’ ta’ terz u trakk bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBN-504 misjuq mill-intimati. Is-soċjeta’ rikorrenti ssostni illi l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja, u għalkemm huwa ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni ta’ danni sofferti mis-soċjeta’ rikorrenti, dan ma seħħx, u per konsegwenza kellha tiġi intavolata l-kawża odjerna;

3. Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

    a. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ksur tal-polza applikabbli;*

    b. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ħlas ta’ erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48);*

    c. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lis-soċjeta’ attriċi erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€84,671.48);*

4. B’risposta datata ħmistax (15) ta’ Mejju 2023, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, il-konvenuti ssollevaw is-segwenti eċċezzjonijiet preliminari:

    a. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu illi t-talba tar-rikorrenti sabiex “tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għal ksur tal-polza*

*applikabbli" (senjatament l-ewwel (1) talba tagħha) hija inkompatibbli mal-premessi tal-istess soċjeta' rikorrenti, ossija dawk kontenuti fid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-istess soċjeta' kif ukoll fir-raġuni tat-talba; dan għaliex, f'din is-sezzjoni, li hija l-bażi illi għandha twassal lis-soċjeta' rikorrenti għat-talbiet minnha interposti – ma jissemma l-ebda "ksur tal-polza applikabbli" iżda sempliċiment illi "l-imsemmi inċident seħħ negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja"*;

b. *Illi, di piu, fl-imsemmija premessi, għajr għall-fatt illi s-soċjeta' esponenti Fish & Fish Limited ġiet identifikata li kienet proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBN 504, is-soċjeta' rikorrenti bl-ebda mod ma indikat kif l-istess soċjeta' esponenti Fish & Fish Limited tinkwadra f'din l-azzjoni u wisq anqas kif (u għalfejn) għandha tiġi dikjarata responsabbli;*

c. *Ili, a tenur tal-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "ir-rikors ġuramentat ... għandu jkun fih ... dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża ... sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment". Għaldaqstant, tenut kont tal-fatt illi l-kumulu tal-premessi (li fuqhom għalhekk titfisser l-oġġett tal-kawża u ssaħħaħ it-talbiet rikorrenti) bl-ebda mod ma jikkorrispondu mat-talbiet interposti, neċessarjament twassal għan-nullita' tar-rikors promotur;*

d. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ukoll in linea preliminari, l-azzjoni rikorrenti hija preskritta*

*kemm a tenur tal-Artikolu 2153 kif ukoll tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Lulju 2023, il-partijiet qablu illi l-kawża tista' titħalla għall-provi u trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari suriferiti;

6. Il-partijiet ressqu l-provi tagħhom waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2023, u trattaw l-eċċezzjonijiet preliminari suriferiti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Frar 2024. Il-kawża ġiet differita għal sentenza dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati kif riprodotti aktar 'il fuq.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet, semgħet ix-xhieda u rat il-provi prodotti;

8. Semgħet it-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati fil-paragrafi numru 1 sa numru 4 tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti;

9. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza *in parte* rigward l-ewwel erba' eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**A. <u>L-Ewwel u t-Tielet Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

11. Filwaqt illi fl-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati qed jiġi eċċepit illi talba għal dikjarazzjoni illi l-intimati kisru l-polza tal-assikurazzjoni applikabbli hija inkompatibbli mal-premessi kontenuti fir-rikors promotur, fit-tielet eċċezzjoni preliminari l-intimati jeċċepixxu n-

nullita' tar-rikors promotur stante illi l-kumulu tal-premessi ma jikkorrispondux għat-talbiet interposti. Ikkunsidrat illi, effettivament, dak illi qiegħed jiġi eċċepit f'dawn iż-żewġ paragrafi jirrigwarda l-istess prinċipju, din il-Qorti sejra titratta dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien;

12. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rose Bezzina et vs Stefan Apap***[1]:

> *14. Ghandu jinghad mal-ewwel li, ghalkemm huwa minnu li l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li rikors guramentat ghandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza, dan il-provvediment tal-ligi nghata interpretazzjoni wiesgha fil-gurisprudenza taghna. Dan fis-sens li l-interpretazzjoni li nghatat mhix wahda stretta, kif jaghtu l-impressjoni l-kliem tal-ligi. Hekk per ezempju nghad, minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Settembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet* ***Salvina Bugeja v. Albert Debono et****:*
>
> *"…l-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa, jrid ikun hemm raguni gravi, b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Kummercjali) fil-kawza fl-ismijiet Bonnici v. Zammit noe deciza fl-20 ta' Jannar 1986 Kollez. Vol: LXX.ii.243)*

[1] Rik Nru 471/2013/1 JA, Qorti tal-Appell (Superjuri), 17 ta' Marzu 2021

*“Filwaqt li dwar l-ezistenza ta' kontradizzjoni bejn it-talbiet gie ribadit li:*

> *“Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b’cirkospezzjoni eccezzjoni ta’ nullita` ta’ att gudizzjarju. Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur”;*

*“(Ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Capua Palace Ltd. v. Boris Arcidiacono deciza fit-30 ta’ Jannar, 2003).”*

*15. Hekk ukoll fis-sentenza taghha tal-4 ta’ Novembru, 1991, (Kollez. Vol. LXXV.II.467) fil-kawza fl-ismijiet* ***Guido J. Vella v. Dr. Emanuel Cefai****, inghad hekk:*

*“Meta f’citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni ta’ l-artikolu 156(1)(a), ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita tac-citazzjoni tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullità pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat. F’dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista’ jkun, ghall-pratticità u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullità u kemm jista’ jkun issalva atti*

*gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullità ta' l-att gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali."*

13. Ingħad ukoll fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Malta Development Corporation vs Paul Licari***[2]:

*Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li ghalihom iwasslu. Irid mhux biss jirrizulta dak in-ness guridiku bejn il-premessi u t-talbiet b' mod li jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-Art.156, imma hu wkoll mehtieg ad substantia et validitatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikabbli fil-ligi, u dana fil-parametri ta' l-att tac-citazzjoni kif redatt. L-Art.156 jimponi fuq lattur li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlob dak l-oggett u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa [App.* ***Raymond Galea vs Anthony Galea*** *– 30.03.1998; PA.* ***Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Galea*** *– 06.06.1991]*

*Illi dan kollu iservi ghax "il citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti che vanno uniti alla citazione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notificati" [PA 6.11.1930* ***Bernardo Zammit vs Lorenzo Cassar noe****; PA.*

[2] Ċit Nru 489/1998/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ N Cuschieri, 22 t'April 2004 (in ġudikat)

*26.04.1951* ***Antonio Mizzi vs Stanley Chapman et*** *Vol.XXXX.II.399]*

*Dan l-Artikolu pero' "irceva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess dispostizzjoni" [Vol.XXIX.I.431;XXXII.I.228;XXXIV.II.502]. Il-ligi pero' ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni; bizzejjed jiftiehem x' ikun qieghed jitlob l-attur, b' mod illi l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament u sahansitra tista' tkun anke indotta mid-domandi, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva li, stante li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mac-citazzjoni ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali. [PA.* ***Av. Dr.Carlo Moore noe vs ACE Carmelo Fiteni*** *– 15.12.1955; Vol.XLIII.II.748; Vol.XXX.I.228]; Qorti Kumm. [1989]* ***L-Avukat Dr.Stefan Frendo vs Philip Attard noe.*** *Vol.LXXIII.IV.972; Vol.LXXIV.II.406]. Fil-kaz* ***Joseph Sammut et noe vs Lorenza Agius*** *[9 ta' Frar 2001] l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li "Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju ta' l-ekwipollenza fil-kazijiet fejn il-kawzali ma tkunx espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-kas ta' kawzali aktarx imfissra lakonikament [vide PA.* ***Calleja vs Av.Dr.J.Herrera*** *5 ta' Ottubru 1992]"*

*[...]*

*Madankollu il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1985, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-*

*ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi formu li jinutnuh" [App.28.02.1997* ***Charles Fino vs Alfred Fabri noe****], u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli" [App.24.01.1964* ***Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro****] PA (RCP)* ***Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini*** *19.01.1999]*

*In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annulat biss ghal ragunijiet gravi [PA Alfred Vella et vs Agostino Camilleri [1997] Vol.LXXXI.III.31].*

14. Huwa minnu illi mkien fil-premessi ma tirriżulta spjegazzjoni jew xi forma ta' elaborazzjoni dwar l-allegazzjoni illi l-intimati kisru l-polza applikabbli, u din l-allegazzjoni tirriżulta biss mit-talbiet. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi dan in-nuqqas huwa wieħed daqstant gravi illi jirrendi r-rikors ġuramentat null. Is-soċjeta' rikorrenti tgħid fil-premessi illi l-inċident *"seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja"*, li, moqrija in assjem mal-ewwel talba, twassal lil din il-Qorti sabiex tifhem illi dak illi qed jiġi allegat huwa illi meta ġie kkawżat l-inċident, dan kien per kawża ta' negliġenza u imperizja da parti tal-intimat Marvin Bugeja u bi ksur tal-polza applikabbli. L-allegazzjoni hija għalhekk indotta mid-domanda. Imbagħad fuq kollox, wieħed m'għandux jinsa l-fatt illi l-prinċipju li jirregola l-piż probatorju huwa *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Quindi, l-oneru tal-prova jinkombi prinċiparjament fuq l-atturi, li jridu jippruvaw bil-fatti l-allegazzjonijiet minnhom magħmula sabiex jikkonvinċu lil din il-Qorti illi t-talbiet tagħhom għandhom jiġu milqugħa, u fuq il-konvenut illi għandu jressaq provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu sabiex jikkontesta l-pretensjonijiet tal-atturi. Għaldaqstant, sta għas-soċjeta' rikorrenti illi ġġib prova ta' dak illi qed tallega, kemm fil-premessi u

kif ukoll fit-talbiet, u kif dak premess għandu jwassal sabiex jintlaqgħu t-talbiet;

15. In oltre, ma jidhirx illi l-fatt illi l-premessi m'elaborawx dwar dak illi wassal sabiex is-soċjeta' rikorrenti tressaq l-ewwel talba b'xi mod fixkel lill-intimati milli jħejju linja difensjonali tajba jew ikkawżalhom xi preġudizzju gravi. It-talba hija ċara u inekwivoka, u ma tirrikjedi l-ebda spjegazzjoni oltre, fil-fehma tal-Qorti. Fir-risposta ġuramentata tagħhom, l-intimati jeċċepixxu, fil-mertu, illi *"it-talbiet rikorrenti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, ma hemmx bażi għalihom, u għaldaqstant l-esponenti m'għandhom l-ebda responsabbilita' versu s-soċjeta' rikorrenti"*, eċċezzjoni illi tolqot ukoll l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti. Konsegwentement, din il-Qorti ma hix tal-fehma illi n-nuqqas da parti tas-soċjeta' rikorrenti sabiex jelaboraw dwar l-ewwel talba fil-premess, huwa mankanza gravi li tista' twassal għan-nullita' tal-att promotur;

16. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti **<u>tiċħad</u>** l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

**B. <u>It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari</u>**

17. L-intimati jeċċepixxu illi, għajr għall-fatt illi s-soċjeta' intimata Fish & Fish Limited ġiet identifikata li kienet proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBN 504, is-soċjeta' rikorrenti bl-ebda mod ma indikat kif l-istess soċjeta esponenti tinkwadra f'din l-azzjoni u kif (u għalfejn) għandha tiġi dikjarata responsabbli;

18. Fil-premessi tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tindika illi t-trakk illi kien misjuq minn Marvin Bugeja kien proprjeta' tas-soċjeta' intimata Fish & Fish Limited. Dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa biżżejjed, f'dan l-istadju, sabiex is-soċjeta' Fish & Fish Limited titqies bħala leġittima kontradittriċi illi għandha

tirrispondi għall-kawża odjerna. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[3]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet atrtiċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

[3] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Vide wkoll, *inter alia,* Rik Ġur 1233/2012, ***Keith Catania et vs Jean Pierre Debattista et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), STO Prim Imħallef M Chetcuti, 29 t'April 2021 (in ġudikat); Rik Nru 177/2014, ***Elton Taliana vs Onor Min għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020; u Rik Nru 252/2017, ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ R Montebello, 8 t'Ottubru 2020 (in ġudikat)

> *Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

19. Il-fatt biss illi s-soċjeta' intimata hija l-proprjetarja tal-krejn illi kien involut fl-inċident iwassal lil din il-Qorti sabiex tifhem ir-raġuni għalfejn il-kawża ġiet intavolata kontra l-istess soċjeta' wkoll, u mhux kontra Marvin Bugeja biss. Ma taqbilx din il-Qorti mat-teżi tal-intimati illi ma ġiex spjegat kif l-istess soċjeta' intimata tinkwadra f'din l-azzjoni u kif għandha tiġi dikjarata responsabbli, stante illi huwa ċar mill-premessi illi r-raġuni għalfejn ġiet involuta fil-kawża odjerna s-soċjeta' intimata kienet illi s-soċjeta' intimata hija l-proprjetarja tal-krejn. Minn hawn isegwi, fid-dawl ukoll ta' ġurisprudenza suċitata, illi jekk is-soċjeta' intimata kellhiex x'taqsam mal-akkadut u jekk għandhiex tiġi dikjarata responsabbli, għandu jirriżulta minn indaġini fil-mertu, u mhux f'dan l-istadju. F'dan l-istadju, fejn l-indaġini ssir fuq bażi *prima facie*, din il-Qorti hija sodisfatta illi ġiet sodisfaċentement indikata r-raġuni illi għaliha ddaħħlet fl-istorja s-soċjeta' Fish & Fish Limited;

20. Konsegwentement, din il-Qorti **tiċħad** it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati.

## C. Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari

21. Finalment, l-intimati jeċċepixu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta kemm a tenur tal-Artikolu 2153, kif ukoll tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

22. L-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid:

> *L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn.*

Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 jistabbilixxi illi:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ ħames snin:*
>
> *[...]*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta’ kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

23. Dwar l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hugh P. Zammit noe et noe vs John Mifsud et***[4], illi kienet ukoll kawża sabiex fiha s-soċjeta’ assiguratriċi tiġi rimborsata mill-*policy holder* għall-ħlas illi hija għamlet lil terz wara illi l-*policy holder* kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza:

> *11. Jidher car li l-appellant qieghed jibbaza dan l-ewwel aggravju tieghu fuq il-konsiderazzjoni li l-azzjoni tas-socjeta` assiguratrici hija wahda ta’ rizarciment ta’ danni hekk msejha akwiljani. Madanakollu, l-azzjoni attrici fil-verita` ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant, naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala*

[4] Appell Ċivili Nru 2256/1998/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 t’April 2005

*kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b'hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta' l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assiguratrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani, izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta' l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Ghalkemm huwa veru li din il-kawza ma kienitx tigi fis-sehh li kieku ma sehhx l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wiehed ghandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nholqu bhala rizultat ta' l-istess incident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bazata fuq htija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-socjeta` appellata, liema relazzjoni tohrog ex lege, cioe` tohrog mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tielet lok, imbaghad, hemm ir-relazzjoni li qeghda tigi ezaminata f'din il-kawza, cioe` r-relazzjoni bejn is-socjeta` assiguratrici appellata u l-*

*assigurat taghha, cioe` l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bazata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. Konsegwentement ghalkemm huwa veru li d-danni fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawzahomx l-appellanti, pero` xorta wahda huma danni sofferti mis-socjeta` appellata minhabba li huwa naqas li josserva skrupolozament l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' lappellant ma jistax jintlaqa'.*

*[...]*

*13. [...] F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ma ghandhiex terga' tirrepeti dak li diga` gie espress minnha izda tillimita ruha biex tghid li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili certament mhix applikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghaliex l-azzjoni tas-socjeta` appellata, kif maghmula fil-konfront ta' l-assigurat taghha, cioe` l-appellant, mhix bazata fuq rizarciment ta' danni akwiljani jew delittwali. Invece, l-azzjoni odjerna hija bazata fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-appellant ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni. Fi kliem iehor dan il-kaz jitratta dwar rizarciment ta' danni kuntrattwali li evidentement l-eccezzjoni eccepita a bazi ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civli mhix applikabbli ghaliha.*

24. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***John Grech vs Ivan Mifsud et***[5] ġie ritenut:

[5] Ċit Nru 1476/2001/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 1 t'April 2003 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar id-29 ta' Novembru 2013

*Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċiviliħ; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali;*

25. Hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, jirriżulta mit-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti illi dak illi qiegħda tallega s-soċjeta' rikorrenti huwa ksur tal-polza t'assigurazzjoni, illi wasslet sabiex hija kellha tagħmel tajjeb għal danni kkawżati mill-assigurat. Konsegwentement, fit-termini tal-ġurisprudenza suriferita, m'għandux japplika għall-każ odjern il-perjodu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

26. Stabbilit għalhekk illi l-preskrizzjoni applikati għall-każ odjern hija dik ta' ħames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, imiss issa illi jiġi senjalat minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-ħames snin. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra, għall-fini ta' kjarezza, tibda billi tagħmel *timeline* tal-fatti kif ġraw:

- 8 ta' Mejju 2012: Seħħ l-inċident;

- 19 ta' Lulju 2012: Is-soċjeta' rikorrenti ġiet informata illi l-krejn kienet qed tinstaq bl-*outriggers* miftuħa fil-mument illi fih seħħ l-inċident[6];

- 30 t'April 2014: Ġiet intavolata l-kawża fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja;*

- 9 ta' Lulju 2021: Ngħatat is-sentenza fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja,* illi fiha ġie dikjarat responsabbli għall-inċident Marvin Bugeja, u per konsegwenza ta' liema s-soċjeta' Citadel Insurance plc kellha tħallas danni;

- 7 t'April 2022: Ġiet preżentata l-ittra uffiċjali bin-numru 1360/2022 mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tal-intimati, tinterpella lill-intimati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni;

27. L-intimati qed jikkontendu illi l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mid-data meta s-soċjeta' rikorrenti ġiet konsapevoli illi kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet fil-polza relattiva, u dan fit-termini ta' dak ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Gasan Mamo Insurance Limtied vs Mario Seguna et***[7], fejn ġie ritenut f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-kawża odjerna:

> *18. Permezz tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Marzu, 2003, it-terz għarraf lis-soċjta' attriċi bil-kawża li kien qed jintavola dakinhar stess. Kien fil-mument li hija ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali li saret taf bil-kawża, u allura bil-fatt li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Ma kienx il-każ allura li s-soċjeta' attriċi tistenna l-eżitu tas-sentenza relattiva, wisq anqas li tistenna li tkun għamlet il-pagament lit-terz konsegwenti l-ottjeniment tas-sentenza, sabiex hija tieħu azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Hija messha b'ittra*

[6] Vide **Dok JG2** a fol 85 tal-proċess
[7] Ċit Nru 404/12/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 ta' Diċembru 2021

> *uffiċjali interpellat lill-assikurat tagħha bl-intendiment tagħha li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha tagħmel tajjeb hi għad-danni li sofra t-terz abbażi tas-sentenza u tal-Kap 104.* ***Dan ma jirriżultax li għamlitu*.**

28. B'kuntrast, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hugh P Zammiet noe et vs John Mifsud et***[8]

> *Illi d-dritt tal-attur naxxenti mill-artikolu 12 tal-Kap 104 jitwieled mal-mument li jsir il-pagament lit-terz konsegwenti l-otteniment ta' sentenza u mhux qabel. Ghalhekk d-dritt ta' l-attur qatt ma jista' jigi marbut, ghal fini ta' preskrizzjoni, mad-data tal-incident awtomobilistiku.*

Referenza għal dan l-insenjament sar ukoll, *inter alia*, fis-sentenza fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc vs Peter Azzopardi pro et noe et***[9], filwaqt illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited vs Dennis-Charles sive Dennis Falzon et***[10], ġie ritenut:

> *Fil-fehma ta' din il-qorti għal kull darba li s-soċjetà rikorrenti kienet kostretta tħallas lil xi terz abbażi tal-obbligi legali tagħha ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 beda jiddekorri perjodu tal-preskrizzjoni ta' ħames snin (5) u dan għaliex huwa proprju f'tali mument li jista' jiġi allegat li tnissel id-dannu u mhux meta seħħ l-inċident innifsu.*

29. Hekk ukoll iddeċidiet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija riċentement fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited vs***

[8] Ċit Nru 2256/98, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A J Magri, 23 t'April 2001 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-1 t'April 2005
[9] Rik Nru 712/2008, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J P Grima, 21 t'Ottubru 2015 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2021
[10] Rik Ġur 613/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Felice, 22 ta' Ġunju 2016 (mhux appellata)

***Vincent Spiteri***[11], fejn il-Qorti bbażat l-argument tagħha fuq dak stabbilit fl-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illi minnu jitwieled id-dritt t'azzjoni għal rivalsa:

> *27. L-azzjoni odjerna hija waħda ta' rivalsa, u għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:*
>
> > *"10 (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilità li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbilità koperta bil-kundizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilità fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*
>
> *28. Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-liġi jfisser li l-jedd ta' azzjoni tas-soċjetà assikuratriċi, hawnhekk l-appellanta, skatta biss fil-mument li ngħatat is-sentenza li ddeterminat darba għal dejjem min kellu jġorr ir-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku tas-17 ta'*

[11] Appell Inferjuri Nru 237/2020, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ L Mintoff, 17 t'April 2024

*April, 2012, u b'hekk skatta fil-konfront tagħha l-obbligu li tagħmel tajjeb hi għad-danni sofferti mit-terz, bil-jedd ta' rivalsa kontra l-assikurat tagħha, hawnhekk l-appellat. Għaldaqstant, il-konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti, li s-soċjetà appellanta kien messha aġixxiet kontra l-appellat hekk kif ġiet notifikata bl-inċident, ma tirriflettix dak li jgħid dan id-dispost tal-liġi. Is-soċjetà appellanta qatt ma kienet mistennija li tieħu azzjoni ġudizzjarja fuq merament possibilità li hija tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz danneġġjat, iżda d-dritt li taġixxi kontra l-assikurat tagħha skatta biss hekk kif ġiet stabbilita darba għal dejjem ir-responsabbilità tal-assikurat tagħha, u hija kellha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz, wara li ġew ikkwantifikati dawn id-danni. Kien hemm biss li hija setgħet tintbagħat l-ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għal ħlas ta' dejn li huwa ċert, likwidu u dovut, u fl-ebda waqt ieħor qabel.*

*29. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli. Din il-Qorti tqis ukoll li meta wieħed jikkonsidra s-sekwenza tal-fatti kif seħħew, għandu jiġi stabbilit li ma leħaqx għadda il-perijodu preskrittiv stabbilit bil-liġi, u l-azzjoni tas-soċjetà appellanta għandha titqies li mhijiex preskritta, għaliex din setgħet tiġi eżerċitata biss wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri li ddeterminaw min għandu jerfa' r-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, u fl-ebda waqt ieħor.*

30. Rinfaċċjata b'dawn l-interpretazzjonijiet kuntrastanti, din il-Qorti hija aktar inklinata illi tabbraċċja l-aħħar insenjament, u cioe illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza illi fiha jiġi determinat min għandu jerfa' r-responsabblita' għall-inċident awtomobilistiku. Dan għal żewġ raġunijiet: (a) fl-ewwel lok, l-Artikolu 10 tal-Kap 104 jistabbilixxi illi hija s-sentenza illi

tiddetermina responsabbilita' illi timponi fuq l-assiguratur l-obbligu illi jħallas ħsarat kaġunati mill-assigurat tagħha; u (b) fit-tieni lok, li kieku kellha l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi s-soċjeta' assiguratriċi ssir konxja illi jista' jkun illi għandha dritt t'azzjoni kontra l-assigurat tagħha, kwalsiasi pretensjoni illi tavvanta s-soċjeta' assiguratriċi tkun unikament ibbażata fuq ipotesi illi xorta waħda ma tistax tiġi kompletament pruvata qabel ma tingħata sentenza dwar responsabbilita'. Dan b'ħela ta' riżorsi, spejjeż żejda, u potenzjalment saħansitra anke intavolar ta' kawżi mingħajr ċertezza ġuridika dwar min għandu jinżamm responsabbli għall-inċident. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja et***, u cioe mid-disgħa (9) ta' Lulju 2021;

31. Ikkunsidrat it-*timeline* espost aktar 'il fuq, din il-Qorti hija sodisfatta illi ma kinux għadhom iddekorrew ħames (5) snin mid-data tas-sentenza, la meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali u lanqas meta ġiet intavolata l-kawża odjerna. Konsegwentement, din il-Qorti sejra **tiċħad** ir-raba' eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fir-risposta tagħhom.

**Decide**

32. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad** l-ewwel erba' eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati, u

ii. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riservati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**